DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1941

tad-9 ta' Novembru 2021

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-Fond, li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni kellha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2021 li tispeċifika l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni għall-2023, l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2022 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025.

(2) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) irid jibgħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istrumenti li jimmaniġġa.

(3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877 is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti stabbiliti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti ("FEŻ"). Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.

(4) Skont l-Artikoli 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' Parti għall-FEŻ sal-eġħluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew fl-ambitu tal-FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 ([4]) tistabbilixxi l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ għall-2022 għal EUR 2 500 000 000 għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.
([3]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2022, l-ammont annwali għall-2021, l-ewwel pagament parzjali għall-2021 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti tal-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2023 u 2024 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 13).

(6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻgħall-2023 huwa b'dan stabbilit għal EUR 2 100 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 1 800 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ għall-2022 huwa b'dan stabbilit għal EUR 2 800 000 000. Dan għandu jinqasam f'EUR 2 500 000 000 għall-Kummissjoni, u EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ għandhom jitħallsu mill-partijiet tal-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2022, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 4

Ammont ta' EUR 43 000 000 minn fondi mhux impenjati jew diżimpenjati mill-proġetti tat-Tmien FEŻ u d-Disa' FEŻ għandhom jiġu rifinanzjati permezz ta' tnaqqis tal-pagament fil-konfront tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 kif stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

It-tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2024 huwa b'dan stabbilit għal EUR 1 500 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 300 000 000 għall-BEI, u għall-2025 għal EUR 900 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 9 000 000 għall-BEI.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. ŠIRCELJ

ANNESS

L-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ għall-2022 (f'EUR)

STATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-11-il FEŻ f'%	L-ewwel pagament parzjali tal-2022 (f'EUR)		Totali
		BEI Il-11-il FEŻ	Il-Kummissjoni Il-11-il FEŻ	
IL-BELĠJU	3,24927	3 249 270,00	35 741 970,00	38 991 240,00
IL-BULGARIJA	0,21853	218 530,00	2 403 830,00	2 622 360,00
IĊ-ĊEKJA	0,79745	797 450,00	8 771 950,00	9 569 400,00
ID-DANIMARKA	1,98045	1 980 450,00	21 784 950,00	23 765 400,00
IL-ĠERMANJA	20,57980	20 579 800,00	226 377 800,00	246 957 600,00
L-ESTONJA	0,08635	86 350,00	949 850,00	1 036 200,00
L-IRLANDA	0,94006	940 060,00	10 340 660,00	11 280 720,00
IL-GREĊJA	1,50735	1 507 350,00	16 580 850,00	18 088 200,00
SPANJA	7,93248	7 932 480,00	87 257 280,00	95 189 760,00
FRANZA	17,81269	17 812 690,00	195 939 590,00	213 752 280,00
IL-KROAZJA	0,22518	225 180,00	2 476 980,00	2 702 160,00
L-ITALJA	12,53009	12 530 090,00	137 830 990,00	150 361 080,00
ĊIPRU	0,11162	111 620,00	1 227 820,00	1 339 440,00
IL-LATVJA	0,11612	116 120,00	1 277 320,00	1 393 440,00
IL-LITWANJA	0,18077	180 770,00	1 988 470,00	2 169 240,00
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	255 090,00	2 805 990,00	3 061 080,00
L-UNGERIJA	0,61456	614 560,00	6 760 160,00	7 374 720,00
MALTA	0,03801	38 010,00	418 110,00	456 120,00
IN-NETHERLANDS	4,77678	4 776 780,00	52 544 580,00	57 321 360,00
L-AWSTRIJA	2,39757	2 397 570,00	26 373 270,00	28 770 840,00
IL-POLONJA	2,00734	2 007 340,00	22 080 740,00	24 088 080,00
IL-PORTUGALL	1,19679	1 196 790,00	13 164 690,00	14 361 480,00
IR-RUMANIJA	0,71815	718 150,00	7 899 650,00	8 617 800,00
IS-SLOVENJA	0,22452	224 520,00	2 469 720,00	2 694 240,00
IS-SLOVAKKJA	0,37616	376 160,00	4 137 760,00	4 513 920,00
IL-FINLANDJA	1,50909	1 509 090,00	16 599 990,00	18 109 080,00
L-IŻVEZJA	2,93911	2 939 110,00	32 330 210,00	35 269 320,00
IR-RENJU UNIT	14,67862	14 678 620,00	161 464 820,00	176 143 440,00
TOTAL TAL-UE-27 U R-RENJU UNIT	100,00	100 000 000,00	1 100 000 000,00	1 200 000 000,00